**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**GURISDIZZJONI SUPERJURI - SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. JUR.**

Rikors Guramentat Nru. 79/2014MV

**Rosita Curmi** (ID 6689G)

Plot 38, Triq it-Tin, Sannat Ghawdex.

Vs

**Salvina Grima**, armla ta' Francesco Grima, 'Hail Mary, Triq Ta' Seguna, Sannat, Ghawdex.

**Dr. Joseph Grech bhala Kuratur Deputat** sabiex jirrapprezenta lill-assenti Margaret Testa u Alfred Curmi t-tnejn ulied il-mejjet John Curmi

Triq Gorg Borg Olivier, Rabat, Ghawdex.

**Victor Curmi**

"Capriceville", Triq it-28 ta' April 1688, Sannat, Ghawdex, u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2020 l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine armla ta' l-istess Victor Curmi

"Capriceville", Triq it-28 ta' April 1688, Sannat, Ghawdex, u ta' uliedu Noel, Mark, Tanya mart Frank Vella u Margaret mart Ignatius Micallef, ilkoll ahwa Curmi[1].

**Emanuel Curmi**

76, Triq San Gorg, Rabat, Ghawdex.

Paul Curmi

68, Triq Ta' Seguna, Sannat, Ghawdex.

Illum 10 t'April 2025

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat pprezentat quddiem din il-Qorti ta' Rosita Curmi K.I. 6689G nhar id- 9 ta' Ottubru 2014 li taqra is-segwenti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi datat 9 ta' Ottubru 2014 li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi Rosina Curmi, mart Salvatore Curmi mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991)

[1] L-indirizzi relattivi ta' ulied Victor Curmi ma gewx indikati la fir-rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju u lanqas sussegwentament mod iehor fl-atti tal-kawza.

(Dok. A) u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fil-ħmistax (15) ta' Settembru ta' l-elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) (Dokument B, C, D). Permezz ta' dan it-testment, hija ħalliet legat lil bintha Salvina Grima iżda altrimenti, hija ma nnominatx werrieta u għalhekk, wirtuha skont il-liġi uliedha, John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina armla ta' Francesco Grima lkoll huwa (sic) Curmi f' ishma ndaqs bejniethom;

2. Illi Salvatore Curmi miet intestat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) (Dokument E, F, G) u għalhekk wirtuh skont il-liġi wliedu John, Anthony, Joseph, Victor, Emanuel, Paul, Carmel u Salvina armla ta' Francesco Grima lkoll huwa (sic) Curmi f' ishma ndaqs bejniethom;

3. Illi permezz ta' kuntratt atti tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (Dokument H), in-nanniet paterni ta' l-attriċi u ċioe' l-konjuġi Rosina u Salvu Curmi deheru li biegħu u ttrasferew lil binthom il-konvenuta Salvina Grima, li dehret li xtrat mingħandhom in-nofs indiviż tal-lok tad-djar markat bin-numru sitta u ħamsin (56) Cenc Street, Sannat, b' garaxx miegħu anness u mandra retrostanti, bl-arja tiegħu u bir-riżerva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-vendituri matul ħajjithom bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) li l-vendituri jiddikjaraw li rċevew qabel l-att;

4. Illi skont att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/08/1988) (Dokument I) kif korreġut b' att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf

disa' mija u disgħa u tmenin (1989) (Dokument J), l-imsemmi Salvatore Curmi deher li biegħ ir-rimanenti nofs indiviż tal-imsemmi fond lil Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) b' riserva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni favur Salvu Curmi u ibnu Joseph Curmi sakemm jibqa' ġuvni;

5. Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali (Dokument K), hekk kif ikkonfermata in parte u varjata f' partijiet oħra permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014 mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri (Dok L), ġie dikjarat li (i) l-kuntratt tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) bejn Rosina u Salvu Curmi u minn naħa l-oħra Salvina Grima kien simulat billi għalkemm kellu element oneruż, dan il-kuntratt kien fin-natura preponderanti tiegħu kuntratt ta' donazzjoni; u (ii) l-att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin kif korreġut b' att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) li sar bejn Salvatore Curmi min-naħa u min-naħa l-oħra Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi, kien simulat u kien fil-fatt kuntratt ta' donazzjoni;

6. Illi l-ulied Salvina Grima u Victor Curmi ma ġewx eżentati mill-kollazzjoni ta' l-immobbli donati lilhom, u ġialadarba, dawn jidhru li aċċetaw il-wirt tal-ġenituri tagħhom, dawn l-immobbli mertu ta' dawn il-kuntratti fuq imsemmija għal dak li jirrigwarda Salvina Grima u Victor Curmi għandhom jiġu kollazzjonati fid-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tal-kontendenti;

7. Illi l-imsemmija Joseph Curmi u Anthony Curmi mietu intestati u mingħajr dixxendenti u għalhekk, is-sehem spettanti lilhom għadda fuq ħuthom John, Emanuel, Paul, Victor, Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

8. Illi John Curmi miet fl-esteru u jidher li l-eredi preżuntivi tiegħu huma wliedu Margaret Testa u Alfred Curmi;

9. Illi inoltre Carmel Curmi miet fit-8 ta' Diċembru 2005 (Dok M). Huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment ta' l-20 ta' Ottubru 2003 magħmul fl-atti tan-Nutar Josianne Cini (Dok N, O, P) li permezz tiegħu, huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lil bintu unika l-esponenti Rosita Curmi;

10. Illi l-esponenti għandha nteress li tippromwovi din il-kawża peress li hija waħda mill-persuni ntitolati għall-ereditajiet ta' Salvatore u Rosina Curmi.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

i. Tordna lill-konvenuta Salvina Grima ġġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tagħha l-valur tas-sehem lilha donat permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, liema kuntratt ġie dikjarat bħala donazzjoni ai termini tas-sentenzi tal-Qorti fuq riferiti;

ii. Tordna lill-konvenut Victor Curmi jġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tiegħu l-valur tas-sehem lilu donat permezz tal-kuntratt

hawn fuq imsemmi, liema kuntratt ġie dikjarat bħala donazzjoni ai termini tas-sentenzi tal-Qorti fuq riferiti;

iii. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Rosina u Salvatore konjuġi Curmi billi tiddikjara illi jikkonsistu f' dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

iv. Tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f' żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Salvatore Curmi u lill-assi partikolari ta' Rosina Curmi;

v. Tillikwida l-beni partikolari ta' Salvatore Curmi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħadd, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn fuq imsemmija;

vi. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Salvatore Curmi f' sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil werrieta ta' John, Emanuel, Paul, Victor, l-attriċi bħala werrieta ta' Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

vii. Tillikwida l-beni partikolari ta' Rosina Curmi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħadd, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; inkluża l-kollazzjoni hawn fuq imsemmija;

viii. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Rosina Curmi f' sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wiehed lil werrieta ta' John, Emanuel, Paul, Victor, l-attriċi bħala werrieta ta' Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi;

ix. Taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

x. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta li l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji, sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħadd.

xi. Alternativament, f'każ li jirriżulta li l-beni in diviżjoni huma biss il-valuri tal-kollazzjoni illi għandhom jsiru minn Salvina Grima u Victor Curmi hekk kif fuq ingħadd, tillikwida l-valur ta' l-istess u tordna illi tali valur jiġi diviż u mħallas lill-eredi ta' Rosina u Salvatore Curmi fl-ishma hekk kif fuq indikati.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.[2]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut **Victor Curmi** datata 31 ta' Ottub]ru 2014 li permezz tagħha eċċepixxa:

[2] Folio 1 tal-process.

1. Illi il-preskrizzjoni deċennali a bażi tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 talLiġijiet tal-Malta) li jipprovdi hekk:

   845(1) "l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, jew f'suċċessjoni b'testment hemm ukoll 'ab intestato' tispiċċa bl-għeluq tal-għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni".

   Huwa veru li hemm ġurisprudenza in materja li tgħid li din il-preskrizzjoni hija waħda akkwiżittiva u għalhekk irid jirrżulta mhux biss l-element passiv taż-żmien iżda wkoll l-element attiv tal-pussess. ("Charles Buttiġieġ et vs Yvonne Formosa et" P. A. Per Imħallef Albert J. Magri, 1 ta' Ottubru 2003). Dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali iżda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali u mhux biżżejjed pussess di diritto. ("Stella Briffa et vs Catherina Scicluna et" Vol. XXXVIII p. 21). Il-prinċipju li fuq huwa mibni dan l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf il-kawżi tal-wirt jew sehem mill-wirt kontra min għaż-żmien ta' għaxar snin ikun żamm f'idejh bħal sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha tmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja. ("Ellul Bonnici vs Apap Bologna" Kollezz, Vol. XLI-II-1022, u "Angela Magro vs Angelo Magro et", Prim' Awla 2 ta' Ottubru 2012 per imħallef Mark Chetcuti). Huwa ndubitat li l-preskrizzjoni fuq imsemmija hija fin-natura tagħha akkwiżittiva għax minħabba dak iż-żmien il-possessur tal-eredita jkun akkwsita d-dritt fuq l-eredita' u għalhekk ikun jsita' jirrespinġi d-dritt ta' min jiġi l-quddiem li għal din id-disposizzjoni għandha natura estensiva. ("Anglea Grixti vs Angela sive Gulia Ellul", Appelli 5 ta' Diċembru 1939, "Joe D'Amico et vs David D'Amico et" Prim' Awla, 5 ta' Diċembru 2003 per imħallef Joseph Azzopardi). Huwa evidenti għalhekk illi f'kawża għal likwidazzjoni u diviżjoni ta' wirt li jikkonsisti biss fil-kollazzjoni ta' somma flus li tista' tirriżulta wara li trasferiment magħmul mid-decujus għandu l-elementi kollha

tal-preskrizzjoni deċennali kif trid il-liġi u kif interpretat mill-ġurisprudenza nostrana;

2. Illi din l-eċċezzjoni ngħatat mill-esponenti fil-kawża "Rosita Curmi vs Salvina Grima" (Ċitazzjoni numru 63/2008) iżda din l-Qorti diversament ippreseduta skartata għaliex (i) dik ma kienitx kawża fejn qiegħed jintalab il-wirt jew legat jew sehem riservat u (ii) ma ngħatat l-ebda prova li l-wirt ta' Salvu u Rosita konjuġi Grima qiegħed fil-pussess esklussiv tal-konvenuti li taw dik l-eċċezzjoni. Illi bir-rispett kollu lejn din l-Qorti diversament preseduta kien hemm lok li tingħata din l-eċċezzjoni anke f'dik il-kawża setgħet tingħata wkoll f'dik il-kawża stante li kif irrileva l-esponenti u kif fil-fatt qed jirriżulta issa dik kienet kawża preordinata għal din il-kawża u meta si tratta ta' kawża preordinata għal kawża oħra l-eċċezzjonijiet (u speċjalment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) li jistgħu fit-tieni kawża jistgħu jingħataw ukoll fl-ewwel kawża;

3. Illi jirriżulta wkoll a tenur tal-ġurisprudenza fuq ċitata u l-ġurisprudenza ċitata minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-kawża l-oħra, meta l-uniku assi li jrid jiġi diviż huwa biss il-kollazzjoni li għandhom jagħmlu l-konvenuti huwa ovvju li l-wirt u l-assi ereditarju kien ad eskluzzjoni ta' kullħadd fil-pussess tal-konvenuti u ta' ħadd aktar;

4. Illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet ma ġiex indikat x'inhu l-valur tas-sehem donat lill-eċċipjenti u għalhekk stante li valur tal-immobbli ġie stabbilit fil-kawża Ċitazzjoni Numru 63/2008 fl-ismijiet "Rosita Curmi vs Salvina Grima" irid jiġi deċiż jekk din il-Qorti hijiex

marbuta b'dawk il-valuri u x'inhu l-ammont li jirrappreżenta l-valur tad-donazzjoni.[3]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut **Emanuel Curmi** datata 5 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-premessi u t-talbiet hekk kif dedotti minn Rosita Curmi;

2. Illi huwa da parti tiegħu jiddikjara li huwa ma messu assolutament xejn mill-wirt tal-ġenituri tiegħu;

3. Illi fit-tielet lok, l-esponenti jiddikjara wkoll illi huwa qatt ma oppona jew fixkel milli ssir il-qasma u għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li huwa ma għandux jiġi imputat ebda spejjeż kwalsiasi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.[4]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut **Paul Curmi** datata 5 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi jekk fl-assi tal-ġenituri tiegħu, Salvu u Rosita konjuġi Curmi, jirriżulta li hemm xi ħaġa x'tinqasam, huwa ma jopponix għad-diviżjoni mitluba;

2. Illi huwa ma jafx f'hiex jikkonsisti l-wirt tal-ġenituri u għalhekk jekk jirriżulta li ma hemm xejn x'jinqasam huwa ma għandux ibgħati ebda spejjeż.[5]

---
[3] Folio 81 tal-process.
[4] Folio 84 tal-process.
[5] Folio 86 tal-process.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-**Avukat Dottor Joseph Grech in rappreżentanza tal-konvenuti msiefrin Margaret Testa u Alfred Curmi,** datata 7 ta' Novembru 2014, li permezz tagħha ecepixxa:

1. Illi huwa ġie nominat bħala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrappreżenta lill-assenti Margret Testa u Alfred Curmi;

2. Illi l-esponenti għadu ma huwiex edott mill-fatti tal-każ;

3. Illi madankollu l-esponenti qiegħed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji matul il-kawża skont il-liġi.[6]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta **Salvina Grima** datata 11 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti qed teċċepixxi deċennali a bażi tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi fil-mertu a rigward il-valur tan-nofs tal-post bin-numru sitta u ħamsin (56), Triq ta' Ċenċ Sannat, Għawdex, senjatament is-sehem appartenenti lil Rosina Curmi u li ġie trasferit lil esponenti japplika l-Artikolu 702 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq premess, irid jiġi rispettat il-prelegat imħolli mill-istess Rosina Curmi lil bintha Salvina Grima fit-testment tagħha tal-ħmistax (15) ta' Settembru 1987 permezz tat-tieni artikolu tal-istess testment, liema legat huwa wieħed remuneratorju u mħolli lil Salvina Grima bi ħlas u tpattija tad-diversi

[6] Folio 87 tal-process.

serviġi, kuri u assistenzi resi mill-esponenti u bil-kundizzjoni li tibqa tipprestalha tali serviġi, kuri u assistenzi neċessarji sal-mewt tagħha;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u b'referenza għall-ewwel talba attriċi, l-esponenti qed tirrileva illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2014 iddikjarat illi għalkemm il-kuntratt magħmul bejn l-esponenti u l-ġenituri tagħha kien simulat, pero kellu element oneruż nonostanti li fin-naturi preponderanti tiegħu kein kuntratt ta' donazzjoni. Għaldaqstant u peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kwantifikatx kemm mill-imsemmi kuntratt kien l-element oneruż u kemm kien l-element gratuwitu, irid jiġi deċiż x'valur għandu jingħata liż-żewġ elementi rispettivi u dan qabel din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tordna lil esponenti sabiex iġib lura fil-massa tal-wirt ilvalur tas-sehem lilha donat;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fi kwalunkwe każ, minn tali valur għandu jitnaqqas dak l-ammont spettanti lil esponenti fi ħlas ta' kuri, assistenzi u serviġi minnha reżi lil ommha Rosina Curmi għal numru ta' snin u dan hekk kif tirrikonoxxi l-istess Rosina Curmi fit-testment tagħha;

6. Illi b'referenza għall-ħdax (11) il-talba tal-attriċi, l-esponenti tixtieq tirrileva illi l-attriċi tista' titlob lil din l-Onorabbli Qorti biss għal ħlas ta' kwalunkwe sehem spettanti lilha u dana peress li hija biss li qed tippromwovi dina l-kawza u għaldaqsant il-ħlas kellu jintalab biss fil-konfront tal-attriċi u mhux tal-eredi kollha tal-konjuġi Curmi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.[7]

[7] Folio 88 tal-process.

Rat is-sentenza din il-Qorti kif diversament preseduta mill-allura Magistrat, illum Imhallef, Onorevoli Anthony Ellul datata 30 ta' Lulju 2010.[8]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell preseduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri, flimkien mal-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, datata 18 ta' Frar 2016.[9]

Rat id-digriet tal-Qorti diversament preseduta tat-8 ta' Mejju 2018[10] fejn il-kawża thalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni magħmula minn uħud mill-konvenuti.

Rat is-sentenza in parte deciza minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini datata 9 ta' Ottubru 2018 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati Victor Curmi u Salvina Grima fejn tali eccezzjoni giet michuda stante illi dik il-Qorti iddeċidiet ili ma jirriżultax illi ġew sodisfatti r-rekwiziti tal-preskrizzjoni deċennali a tenur tal-artikolu 845 tal-Kapitolu 16 kif imfissra fil-ġurisprudenza u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoniet tal-konvenuti Salvina Grima u Victor Curmi.[11]

Rat li l-kawza giet differita ghal kontinwazzjoni fuq il-merti ghal nhar it- 22 ta' Novembru 2018;[12]

[8] Folio 24 tal-process.
[9] Folio 43 tal-process.
[10] Folio 180 tal-process.
[11] Folio 213 tal-process.
[12] Folio 224 tal-process.

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet: "Carmelo Curmi vs Victor Curmi et noe et." (Ċitaz. Nru. 67/1993), u tal-kawża fl-ismijiet: "Rosita Curmi vs Salvina Grima et." (Rik. 63/2008), ġew allegati b'digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Jannar 2016[13].

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet;

Rat li xi uhud mill-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali dwar il-valur li ghandu jinghata lill-propjetajiet hekk kif ordnat minn din il-Qorti[14].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi din il-kawza tirrigwarda d-divizjoni tal-wirt tal-konjugi Rosina Curmi u Salvatore Curmi. Rosina Curmi mietet fid-29 ta' Dicembru 1991 fejn irregolat is-successjoni taghha permezz ta' testament maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fil-15 ta' Settembru 1987 fejn halliet legat lil Salvina Grima u ma innominatx werrieta u b'hekk wirtuha skond il-ligi

[13] Folio 108 tal-process.
[14] Folio 235, 237 sa 256 tal-process.

uliedha John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina f' ishma indaqs bejniethom.

Salvatore Curmi miet intestat fl-1 ta' Ottubru 1992 u ghalhekk wirtuh skond il-ligi uliedu John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina f'ishma indaqs bejniethom.

Jidher li l-konjugi Curmi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Paul George Pisani datat 25 ta' Jannar 1988 bieghu u trasferew lil konvenuta Salvina Grima nofs indiviz tad-dar bin-numru 56, Cenc Street, b'garaxx mieghu anness u mandra retrostanti, bl-arja tieghu u bir-rizerva tad-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-vendituri.

Jidher li Salvatore Curmi permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Awwissu 1988 kif ikkoregut b'att iehor quddiem l-istess nutar fil-15 ta' April 1989 biegh u trasferixxa in-nofs indiviz l-iehor tal-fond bin-numru 56, Cenc Street, b' garaxx mieghu anness u mandra retrostanti, bl-arja tieghu u bir-rizerva tad-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-vendituri.

In-nanniet paterni tal-attriċi - Salvu u Rosina Curmi kienu mizzewwgin. Rosina Curmi mietet fid-29 ta' Dicembru 1991. <u>Fil-15 ta' Settembru 1987</u> ghamlet testment li permezz tieghu halliet legat lil Salvina Grima li kien jinkludi ".... in-nofs (1/2) indiviz ossija d-drittijiet kollha lilha spettanti fuq il-lok ta' djar markat bin-numru sitta u hamsin (56), Cenc Street, Sannat Ghawdex b'garage mieghu anness u b'mandra retroposta.....". Pero ma nnominatx werrieta u ghalhekk il-wirt taghha hu regolat mil-ligi. It-tfal taghha huma John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina.

Salvatore miet fl-1 ta' Ottubru 1992, intestat u ghalhekk wirtuh uliedu John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina. Mit-tfal mietu Joseph, Anthony, u Carmel Curmi.

L-attrici f'din il-kawza Rosita Curmi hi l-werrieta ta' Carmelo Curmi li miet fit-8 ta' Dicembru 2005 u hallieha werrieta tieghu b'testment li ghamel fl-20 ta' Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar Josianne Cini.

Illi permezz ta' kuntratt atti tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin, in-nanniet paterni ta' l-attriċi u ċioe' l-konjuġi Rosina u Salvu Curmi deheru li biegħu u ttrasferew lil binthom il-konvenuta Salvina Grima, li dehret li xtrat mingħandhom in-nofs indiviż tal-lok tad-djar markat bin-numru sitta u ħamsin Cenc Street, Sannat, b' garaxx miegħu anness u mandra retrostanti, bl-arja tiegħu u bir-riżerva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-vendituri matul ħajjithom bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) li l-vendituri jiddikjaraw li rċevew qabel l-att;

.

Illi skont att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin kif korreġut b'att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin, l-imsemmi Salvatore Curmi deher li biegħ ir-rimanenti nofs indiviż tal-imsemmi fond lil Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi bil-prezz ta' elfejn lira Maltin b'riserva tad-dritt ta' użu u abitazzjoni favur Salvu Curmi u ibnu Joseph Curmi sakemm jibqa' ġuvni.

Fl-4 ta' Lulju 1990 gie pubblikat kuntratt ta' bejgh min-nutar Dr Paul George Pisani u li permezz tieghu Margaret u Paul konjugi Curmi bieghu lil Victor Curmi: "..... kwart (1/4) indiviz ossija d-drittijiet kollha lilhom vendituri

spettanti tal-lok tad-djar numru sitta u hamsin (56) Cenc Street, Sannat, Ghawdex b'garage mieghu anness u mandra retrostanti.......". Bejgh li sar ghall-prezz ta' Lm1,500. B'hekk iddisponew mis-sehem li akkwistaw minghand Salvu Curmi bil-kuntratt li sar fit-23 ta' Awwissu 1988.

Jirrizulta li l-wirt ta Salvu u Rosina konjugi Curmi ghadu ma nqasamx.

B'kuntratt ta' divizjoni li sar fil-25 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani, il-fond 56, Triq Cenc, Sannat, Ghawdex inqasam bejn Victor Curmi u Salvina Grima. Il-porzjon li giet assenjata lil Victor Curmi fiha kejl ta' 910.32 metri kwadri, filwaqt li dik assenjata lil Salvina Grima fiha kejl ta' 362.1 metri kwadri. Fil-kuntratt hemm deskrizzjoni tal-ambjenti li gew assenjati lil kull parti u annessa mal-kuntratt hemm pjanta.

Permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani, Victor u Josephine Curmi bieghu lil Alexander Scicluna dik il-parti tal-fond li giet assenjata lilhom bil-kuntratt tal-1992 ghall-prezz ta' Lm110,000. Il-perit tekniku Frank Muscat, ghamel stima tal-valur tal-proprjeta fis-sena 1988 fl-ammont Lm27,602 (€64,295) (Folio 203 tal-process 63/2008 allegat ma' dawn l-atti) wara li ha in konsiderazzjoni li fuq l-att inghata d-dritt ta' uzu u abitazzjoni. Fl-istima originali (Folio 148 tal-process 63/2008 allegat ma' dawn l-atti) irrelata li fis-sena 1988 il-valur tal-proprjeta kien ta' Lm13,500 (€31,446).

Jirrizulta ukoll li permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Rosita Curmi vs Salvina armla ta' Francesco Grima et.** datata 28 ta' Marzu 2014 ppreseduta mis-S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri l-bejgh gie dikjarat bhala wiehed simulat u fil-fatt kienu kuntratt ta' donazzjoni u mhux bejgh.

Ikkunsidrat:

**It-talbiet tal-attur in succint huma:**

1. Li l-Qorti tordna lill-konvenuta Salvina Grima ggib fil-massa rispettiva tal-genituri taghha l-valur tas-sehem lilha donat;

2. Li l-Qorti tordna lill-konvenut Victor Curmi igib fil-massa rispettiva tal-genituri taghha l-valur tas-sehem lilha donat;

3. Tillikwida l-beni ta' Rosina u Salvatore konjugi Curmi;
4. Tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet fl-assi partikolari ta' Rosina u Salvatore konjugi Curmi;
5. Tillikwida l-beni partikolari ta' Salvatore Curmi
6. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Salvatore Curmi f' sitt porzjonijiet;
7. Tillikwida l-beni partikolari ta' Rosina Curmi;
8. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Rosina Curmi f'sitt porzjonijiet;

9. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att opportun bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' divizjoni;

10. Jekk il-beni mhux komodament divizibbli tordna il-licitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;

11. Alternattivament, f'kaz li jirrizulta li l-beni in divizjoni huma biss il-valuri tal-kollazzjoni illi ghandhom jsiru minn Salvina Grima u Victor Curmi, tillikwida l-valur ta' l-istess u tordna illi tali valur jigi diviz u mhallas lill-eredi ta' Rosina u Salvatore Curmi f'ishma rispettiva.

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

L-attriċi **Rosita Curmi** xehdet[15] illi b'din il-kawza hija qedgħa titlob sehemha mill-wirt tan-nanniet tagħha. Tixhed li mill-wirt tan-nanniet tagħha hija ma ħadet xejn.

**Salvina Grima** xehdet[16] illi apparti l-proprjeta f'Ta' Ċenċ li taw lil uħud mit-tfal tagħhom kellhom xi ħaġa żgħira f'affarijiet x'jinqasmu, li jikkonsistu f'xi affarijiet ta' ġod-dar, liema affarijiet inqasmu bejn l-aħwa. Li mess lil missier l-attriċi, hija ma rieditux.

Xehed **Victor Curmi**[17], li xehed li kien hemm xi għamara li qasmu bejn l-aħwa. Jgħid li missier l-attriċi ħa xi ħaġa imma imbagħad reġa ħadha lura.

[15] Folio 94
[16] Folio 122 - 125
[17] Folio 126 - 128

Jixhed illi flus huwa ma rax. Finalment jgħid li fil-qasma ma kienx hemm dehebijiet.

Xehed **Emanuel Curmi**[18], li kien hemm xi ftit għamara li inqasmet bejn l-aħwa. Hu ma rax flus u lanqas dehebijiet. Id-deheb sparixxa wara li mietu l-ġenituri tiegħu.

Xehed **Paul Curmi**[19], li ma kienx jaf x'sar mid-deheb u mill-flus tal-ġenituri tiegħu.

**Rosita Curmi** xehdet permezz tal-affidavit[20] illi hija tiġi l-eredi universali ta' missierha Carmel Curmi Tgħid li minkejja li diġà ġie deċiż (fil-kawza 63/2008) illi l-kuntratt atti tan-nutar Paul George Pisani tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (Dokument H) ; att ieħor tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u tmenin (23/08/1988) (Dokument I) kif korreġut b' att ieħor tal-istess Nutar tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) (Dokument J), kienu simulati hija xorta baqgħet ma ħadet xejn. Tgħid li hija taf li n-nanniet paterni tagħha kellhom dehbijiet li issa ħadd ma jaf dwarhom.

**Salvina Grima** xehdet permezz tal-affidavit[21] li omm ir-raġel tagħha kienet tatha puplesija. Salvina Grima staqsietha jekk toħodha id-dar magħha mill-isptar fejn kienet rikoverata, din kinitx tiktbilha kollox. Rosina kienet għamltilha sinjal f'affermattiv b'rasha. U hekk għamlet Salvina Grima u

[18] Folio 129 - 133
[19] Folio 134 - 136
[20] Folio 141
[21] Folio 143

ħadet lir-Rosina d-dar tagħha. Tgħid li Salvina baqgħet iddur b'Rosina sakemm din mietet. Salvu Curmi baqa jgħix f'daru. Meta kienet izzuru kienet tieħu diversi oġġetti tal-ikel għalih. Tixhed dwar l-att ta' kuntratt ta' bejgħ ta' nofs indiviz tal-lok tad-djar tas-56, Triq Ċenċ, Sannat, Għawdex bil-garaxx u mandra retrostanti annessi miegħu għall-prezz ta' Lm2,000 li missier ir-raġel tagħha għamel, u dwar l-att ta' kuntratt ta' bejgħ ta' nofs indiviz tal-imsemmi lok favur il-konvenuta Salvina.

Tispjega li zewġha kien beda kawża kontra ħutu wara l-imwiet tal-ġenituri tiegħu sabiex jiġi dikjarat li ommu ma kellhiex il-kapaċita mentali tagħmel testment imma din il-kawza ġiet miċħuda fuq teknikalita proċedurali. Zewġha Carmel miet u ħalla lil binthom Rosita eredi universali tiegħu. Wara l-mewt ta' żewġha, bintha Rosita bdiet il-kawza 63/2008, fejn ġie dikjarat li l-kuntratt bejn Rosina u Salvu Curmi u Salvina Grima kien simulat billi għalkemm kellu element oneruz dan il-kuntratt kien fin-natura preponderanti tiegħu kuntratt ta' donazzjoni ; u li l-kuntratt l-ieħor bejn Salvatore Curmi u Victor Curmi kien stimulat u kien fil-fatt kuntratt ta' donazzjoni. Tgħid li sussegwentament din il-proprjeta ġiet mibjugħa għall-prezz ta' Lm110,000 – dok SC 1[22].

Titkellem dwar meta l-aħwa qasmu l-oġġetti mobbli li kien hemm fid-dar tal-mejta genituri taghhom. Lilhom kien messhom sett tas-sodda, *canopy* u xi fniek. Tgħid li fost l-affarijiet għall-qasma kien hemm xi deheb, għamara, *appliances*, set tal-ikel u senter. Tgħid li huma qatt ma ħadu xejn mid-dar tal-ġenituri ta' zewġha. Victor kien qal li ma kienx hemm flus u li kien daħal xi ħalliel u seraq il-flus. Hi issuġġeriet li jsir rapport l-għassa però Victor ma għoġbitux din l-idea. Hi tissuspetta li l-flus inqasmu bejn l-aħwa

[22] Folio 148

mingħajr ma kien involut żewġha. Tixhed li l-mejtin ħallew xi għamara antika prezzjuża. Kellhom ukoll bi qbiela biċċa raba – dok SC2[23].

Illi **Rosita Curmi xehdet in kontro eżami**[24], illi missierha ma kellux f'idejh proprjetà ta' missieru u ta' ommu.

Illi **Salvina Curmi xehdet in kontro eżami**[25], li żewġha mill-wirt tal-ġenituri tiegħu ma kellu xejn.

**Dokumenti ezebiti mill-attrici li huma relevanti ghal vertenza odhjerna[26]:**

1. Ricerki testamentarji ta' Rosina Curmi[27];
2. Testment ta' Rosina Curmi[28];
3. Ricerki testamentarji ta' Salvatore Curmi[29];
4. Kuntratt fl-atti tan-nutar Paul George Pisani tal- 25 ta' Jannar 1998[30];
5. Att iehor tan-nutar Paul George Pisani tat- 23 ta' Awwissu 1998[31];
6. Att iehor tan-nutar Paul George Pisani tal- 15 ta' April 1989[32];

[23] Folio 155
[24] Folio 166 - 167
[25] Folio 168 - 169
[26] Il-Qorti tghid li l-provi in atti principarjament kienu ingabru in relazzjoni mal-ewwel eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni u dan barra id-dokumenti ezebiti mar-rikors guramentat.
[27] Folio 9 u 10 tal-process.
[28] Folio 11 tal-process.
[29] Folio 14 u 15 tal-process.
[30] Folio 16 tal-process.
[31] Folio 19 tal-process.
[32] Folio 22 tal-process.

7. Ricerki testamentarji ta' Carmel Curmi[33].

Xehed **George Xerri** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. fejn qal li fittex fuq Rosina u Salvu Curmi u mar lura sa 1997 u ma sab l-ebda kontijiet. Jghid li nies li mietu fl-1991 u 1992 ma hemmx records taghhom.[34]

Xehed **Mario Galea** in rapprezentanza tal- HSBC plc. fejn jghid li ma sab l-ebda dokumenti fuq Rosina u Salvu Curmi. Jghid li ir-records taghhom iwasslu sa 1993.[35]

**Ikkunsidrat:**

**Sottomissjonijiet tal-partijiet:**

Illi permezz ta' verbali datat 5 ta' Ġunju 2019[36] din il-kawza tħalliet għan-nota ta' sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tad-data li fiha jrid jittieħed il-valur tal-proprjetajiet in diviżjoni in kwistjoni.

Illi l-attriċi tissottometti illi sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-proprjeta li ser tinġab lura, huwa l-valur tal-proprjeta fiz-zmien tal-kollazzjoni u ċioe l-valur tal-proprjeta fid-data tas-sentenza finali ta' din il-kawza, li għandu jittieħed in konsiderazzjoni u mhux il-valur fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

Illi l-konvenut Victor Curmi jissottometti[37] li l-kolazzjoni li trid issir hija tal-valur li minħabba fih il-kuntratt ġie dikjarat li hu stimulat minħabba l-prezz,

[33] Folio 69 u 70 tal-process.
[34] Folio 229 tal-process.
[35] Folio 232 tal-process.
[36] Folio 236
[37] Folio 249

jgħid li fil-kaz in eżami il-proprjeta li trid tiġi valutata ma għadhiex aktar fil-pussess/patrimonju tiegħu u għalhekk japplika l-Artikolu 931(3) tal-Kap 16.

Salvina Grima tissottometti[38] in suċċint illi hija għandha legat remuneratorju imħolli liha minn ommha; u illi mingħajr preġudizzju għal dan, jekk jittieħed valur dan għandu jkun il-valur ta' meta saret id-donazzjoni u mhux id-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

Emanuel Curmi jissottometti[39] illi huwa l-artikolu 931(1) qabel l-emendi li għandu japplika għall-kaz odjern, u l-valur tal-proprjeta li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa dak fiz-zmien il-kolazzjoni u ċioe il-valur tal-proprjeta fid-data tas-sentenza finali.

In succint dwar il-valur ghalhekk:

L-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha a folio 237 taghmel zewg osservazzjonijiet principali:

1. Li l-ligi vigenti ghandha tkun dik ta' qabel l-emendi tal-2004 u dan in partikolarment ghall-artikolu 931(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Il-valur tal-konverzjoni tal-assi immobiljarji ghandu jkun dak l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarja.

Minn-naha tieghu tieghu l-intimat Victor Curmi a folio 250 jiddikjara li skond hu ghandhom isiru zewg tipi ta' valutazzjonijiet. Wahda biex jig stabbilit jekk gietx vjolata l-legittima u tali valutazzjoni ssir fi zmien l-

[38] Folio 251
[39] Folio 264

apertura tas-successjoni filwaqt li l-ohra ghal fini ta' kollazzjoni b'dak il-valur tal-oggett/i fi zmien li ssir tali kollazzjoni.

L-intimata Saliva Grima fin-nota responsiva taghha a folio 251 tghid li l-volonta' tad-decujus ghandha dejjem tigi rispettatat. Tghid li sakemm id-decujus ma jeccedix l-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli.[40] Tghid li l-attrici ghamlet il-kawza bhala werrieta u ma tistax taghzel hija l-affarijiet li jaqblu lilha mentri twarrab affarijiet ohra. Tghid li hija bhala legatarja saret propjetarja tal-legat mill-gurnata tal-mewt tat-testatur. Finalment tghid li l-valur assenjat se mai ghandu jkun dak tal-1998, ossija id-data tad-donazzjoni u mhux id-data tal-ftuh tas-successjoni.[41] Barra minn dan tghid li fi kwalunkwe kaz ghandu jitnaqqas l-elfejn Lira Maltin (LM2,000) li hija kienet hallset ghall-art kif ukoll ghandha tithallas ghas-servigi resi.

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza hija iffokata biss fuq id-divizjoni tal-gid, ossija il-wirt ta' Rosina u Salvatore konjugi Curmi in vista tat-talbiet kif proposti. Irid jinghad pero' li l-attrici Rosita Curmi hija l-eredi universali u unika ta' Carmel Curmi li miet fit-8 ta' Dicembru 2005, ghalhekk kif ser jinghad aktar 'l isfel ghal kuntrarju li tghid fin-nota responsiva taghha Salvina Grima hija intitolata ghal-legittima u dan ghax libset iz-zarbun tad-defunt missierha li huwa wiehed mill-eredi ta' Rosina u Salvatore Curmi[42].

[40] Folio 253 tal-process.
[41] Folio 255 tal-process.
[42] Ara fuq il-kwistjoni ta' eredita', accettazzjoni tal-wirt u legittima dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it- 30 ta' Settembru 1985 fil-kawza **Lorenza Cauchi vs Carmelo Cilia et** per. Onorevoli Imhallef Joseph Filletti.

Imbaghad, il-kwezit principali li ghandha quddiemha din il-Qorti illum huwa liema valur ser japplika, ossija jekk il-valur hux dak tal-ftuh tas-successjoni jew dak il-valur aktar reali qrib is-sentenza, meta wiehed jigi biex iqis il-valur tal-assi ereditarji tad-decujus, ladarba ssir kollazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

Il-Qorti jidhrilha li d-disposizzjonijiet legali relevanti ghal vertenza li lkoll jinsabu delinejati fil-Kap 16, Kodici Civili, tal-Ligijiet ta' Malta, huma s-segwenti[43]:

**726.(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija b'legat.**

**(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.**

**858.(1) Min jaċċetta wirt, ma jistax jattakka l-aċċettazzjoni ħlief meta din tkun saret minħabba vjolenza, jew minħabba qerq li jsir bi ħsara tiegħu.**

**(2) Iżda, jekk jinkixef testment li, fi żmien l-aċċettazzjoni, ma kienx jaf bih dak li aċċetta l-wirt, dan ma jkunx obbligat iħallas il-legati mħollija f'dak it-testment f'aktar mill-valur tal-wirt, bla ħsara tal-jedd tas-sehem riżervat ta' beni li jkunu jmissu lilu.**

[43] Hafna mill-artikoli ccitati huma dawn elenkati fin -nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**910. Kull wieħed mill-werrieta għandu, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938, jikkonferixxi kull donazzjoni li tkun saret lilu, u kull somma li tagħha jkun debitur.**

**Il-Qorti tqis li ghandha taghmel referenza ghall-emendi li saru fil-ligi fl-2004, li jghidu:**

*94. L-artikolu 910 tal-Kodiçi ghandu jigi emendat kif gej:*

*(a) is-subartikoli (2) u (3) tieghu ghandhom jithassru u (b)is-subartikolu (1) tieghu ghandu jigi enumerat mill-gid bhala l-artikolu shih, u l-kliem "jew igib lura fil-massa tal-wirt" ghandhom jithassru.*[44]

**Fir-rigward tal-formazzjoni tal-ishma il-ligi tghid hekk:**

*911.Wara li ssir il-kollazzjoni jew isiru l-prelevamenti, l-assi jiġi maqsuma f'tant ishma ndaqs daqskemm ikunu l-werrieta jew iċ-ċippijiet li jkunu qegħdin jaqsmu.*

**L-Artiklu 931 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta prezentament kif emendat jipprovdi:**

*931.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-subartikoli li ġejjin, il-kollazzjoni ssir billi jingħadd akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*(2) Meta l-ħaġa mogħtija tkun tikkonsisti fi ħwejjeġ mobbli konsumabbli bl-użu jew oġġetti ta' lbies jew oġġetti maħsubin għall-użu domestiku tad-donatarju, ma ssir ebda kollazzjoni.*

[44] Emenda permezz tal-Att XVIII.2004.

*(3) Meta l-ħaġa tkun ġiet trasferita b'titolu oneruż mid-donatarju, il-valur li għandu jiġi kkonferit għandu jkun il-korrispettiv li d-donatarju jkun irċieva għall-ħaġa trasferita jew il-valur tal-ħaġa fiż-żmien tat-trasferiment, skont liema valur ikun l-ogħla.*[45]

**Qabel l-emendi tal-2004 l-artikolu 931(1) tal-Kapitolu 16 kien jaqra s-segwenti:**

"*Ghal dak li huma immobbli, il-kollazzjoni ssir, kif jaghzel id-donatarju, jew billi jgib lura il-haga nfisha, hielsa minn kull piz u ipoteka li jkun ghamel fuqha, inkella billi jghodd akkont ta' sehmu l-valur tal-haga fiz-zmien tal-kollazzjoni.*"

**Ikkunsidrat:**

L-intimata Salvina Grima tishaq li l-volonta' tat-testatur ghandha tigi rispettatat. Hi ticcita t-tieni artikolu tat-testment datat 15 ta' Settembru 1987[46] li jghid is-segwenti:

*'It-testatrici thalli b'titolu ta' prelegat barra minn semha lil bintha Salvina mart Francesco Grima, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha f'kas ta' premorienza ghat-testatrici in-nofs ((1/2) indiviz ossija d-drittijiet kollha lilha spettanti fuq il-lok ta' djar markat bin-numru sitta u hamsin (56) Cenc Street, Sannat Ghawdex b'garage mieghu anness u b'mandra retroposta, inkluz ukoll kull semha mill-ghamara, mobilja u oggetti kollha inkluz deheb u fidda u hagar prezjuz u flus in moneta kontanti li fl-epoka tal-mewt taghha jkunu jinsabu fl-istess lok, a limine intus' u dan bi tpattija ta' diversi servigi,*

[46] Jidher li dan it-testment presentat mill-attrici ghandu xi parti nieqsa ghax id-data mhix shiha (15) hmistax hija nieqsa filwaqt li fl-ahhar parti a Folio 11 hemm ' necessarji sal-????? U meta taqleb a Folio 12 ma hemm l-kliem korrispettivi.

*kuri u assistenza resi minn bintha imsemmija u bil-kondizzjoni li tibqa' tipprestala l-kura, servigi u assistenza necessarji sal-....'*

Dwar il-volonta' tat-testatur fis-sentenza **Connie mart Anthony Galea et vs Joseph Grima et** (Cit. Nru. 149/94 AJM) deciza mill-Qorti tal-Appell per S.T.O. Prim Imhallef Noel V. Arrigo flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti u l-Onorevoli Imhallef Francesco Depasquale stqarret:

***10. Huwa minnu li bhala norma meta l-kliem f'testment jew f'kuntratt, xi jkun, ikun car u inekwivoku m'huwiex lecitu li dan jigi sostitwit bl intruzjoni ta' fatti cirkostanzjali. Dan hu hekk ghax proprju kif inghad f'sentenza citata mill-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata minnhom quddiem l-Ewwel Qorti (ara decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar 1945). , "F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-disposizzjoni hija cara ghandha tircievi l-esekuzzjoni taghha bhala ligi li t testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volonta' tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikunu certament kuntrarju ghall-volonta' tieghu" (sottolinear tal-Qorti). Mis-suespost johrog li fejn ma hemmx ambigwita' fil-kliem tat-testment, dak li jinghad hu dak li ghandu jipprevali u jorbot. Dan ir-ragjonament isegwi 'l-principju fondamentali ta' l-ermenewtika li "ubii nulla ambiguitas verborum est faciende voluntatus questio".***[47]

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs Nazzareno sive Reno Muscat et** (App. Civili Nru. 592/1996/2) deciz nhar l- 1 ta' Ottubru 2004 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien

[47] Pagna 9 u 10 tas-sentenza.

mal-Onorevoli Imhallef Joseph D. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef Joseph A. Filletti intqal is-segwenti:

***13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm huwa minnu, kif gie sottomess mill-parti appellanti, li l-gudikant ghandu jiehu rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall kliem uzat (hekk ara d-decizjoni in re: "T. Vella u M. A. Vella et", Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Novembru, 1954, u ohrajn), fl-istess waqt trid ukoll taghti konsiderazzjoni, billi issegwi l-principju l-iehor xejn anqas importanti (hekk ara decizjoni in re: "F. Grima et vs. V. Borg", Prim Awla, 16 ta' Mejju, 1961) li, "…..meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, ma hux lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal gudizzju tieghu." Dan l-insenjament dejjem kien wiehed kostanti kemm qabel u kemm wara s-sentenza appena citata. Hekk l- istess inghad, per ezempju, fid-decizjoni in re: "Carmelina Mifsud et –vs– Matilde Pullicino et", Appell Civili, 13 ta' Gunju, 1888, fejn fiha gie ritenut li, "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino."***[48]

Kompliet tghid dik il-Qorti:

***Dan ghaliex ghal fini ta' interpretazzjoni ta' l-intenzjoni ossia volonta` tat-testaturi, meta l-kliem huwa car u mhux ambigwu , "e` necessario riconscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si deve indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto,***

[48] Pagna 11 u 12 tas-sentenza.

***ma limitarsi all'esame della volonta` espressa." (Ara appell Civili Mallia et –vs– Falzon et, decizjoni moghtija fl-24 ta' April, 1884).***[49]

Fuq l-istess linja kienet is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet**: Mary Rose Mifsud vs Avukat Dottor Joseph Bartolo (App. Civili. Nru. 2175/1997/1)** deciza fis-16 ta' april 2004 per S.T.O. Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri u l-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale fejn intqal:

***Bhala regola generali l-ligi in materja tiddisponi li "Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taht l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taht l-isem ta' legat, kemm ukoll taht kull isem iehor, ghandha effett, basta" jkompli l Artikolu 683 tal-Kap 16 "li tkun imfissra b'mod li l-volonta` tat-testatur tista' tigi maghrufa, u ma tkunx kuntrarja ghad disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici." Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett.***[50]

Imbaghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet**: Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna** deciza fit-30 ta' Ottubru 1950 per

[49] Pagna 13 tas-sentenza.
[50] Pagna 8 tas-sentenza.

S.T.O. Prim Imhallef Dr. Sir George Borg flimkien mal-Onorevoli Imhallef L.A. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef A. J. Montanaro Gauci hemm miktub:

***Meta ir-rieda tat-testaur hija cara ma hemmx lok ta' interpretazzjoni imma meta jkun hemm bzonn interpretazzjoni triq tittiehed in konnessjoni mad-disposizzjonijiet testamentarji.***

Finalment fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Angela Debono vs Rosaria Falzon et.** Deciza fl- 4 ta' marzu 1963 per S.T.O. Prim Imhallef Prof. Sir. Anthony J. Mamo flimkien mal-Onorevoli Imhallef A.J. Montanaro Gauci u l-Onorevoli Imhallef W. Harding gie enuncjat:

***F' materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti l-Imhallef ghandu lattitudni kbira ta' apprezzament, hu ghandu jistudja l-vera volonta' tat-testatur, u, biex jikkonstataha, jikkonsulta l-kliem u l-ispirtu tad-disposizzjonijiet testamentarja, billi jaghti prevalenza lill-ispirtu fuq il-kliem, jew jaghti l-prevalenza lill-kliem meta l-intenzjoni tat-testatur ma tkunx cara u thalli xi dubbju. S'intendi, l-Imhallef ma ghandux, taht paravenza ta' interpretazzjoni, jikkrea volonta' ohra minflok dik interpretata, u lanqas jiznatura l-vera volonta' tat-testatur.***

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ftit li xejn ghandha x'tikkummenta dwar it-tieni artikolu tat-testment ta' Settembru 1987 tad-decujus Rosina mart Salvu Curmi. Hija riededt thalli lill-intimata Salvina mart Francesco Grima prelegat talli daret biha f'hajjitha u tas-servigi res minnha. Dan l-artikolu jitkellem wahda u ma jidhirx li b'xi mod il-partijiet qed jattakkaw la dan it-testment u l-anqas b'mod partikolari l-artikolu tnejn.

B'hekk ir-rieda ta' Rosina Curmi ghandha tigi pjenament rispettata u ma ghandhiex tkun il-Qorti li taghti interpretazzjoni differenti minn dak li hu car u ovvju.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmela Farrugia noe vs Concetta Mifsud et** deciza fl-10 ta' Gunju 1949 per S.T.O. Sir. G. Borg flimkien mal-Onorevoli Imhallef Prof. Dr. E. Ganado u l-Onorevoli Imhallef Dr. L.A. Camilleri qalet is-segwenti:

*Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu imdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima, u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' beneficenza.*

Imbaghad fil-kawza **Stella Corrado vs Lucrezio Mizzi et** deciza fid-29 ta' Novembru 1947 per Onorevoli Imhallef A.V. Camilleri intqal:

*Tant fil-kollazzjoni tal-liberalitajiet kemm f'dik tad-djun, il-bazi guridika hija l-iskop ta' ugwaljanza bejn il-werrieta, pogguta fuq il-prezunta volonta' tad-decujus; u salv xi differenzi, tant li l-kollazzjoni tal-liberalitajiet kemm dik tad-debiti, huma governati mill-istess principji.*[51]

[51] Ara ukoll f' dan is-sens **Rosina Camenzuli noe vs Evangelista Perez et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti civili per Onr. Dr. W. Harding nhar it- 22 ta' Frar 1947.

Il-Qorti tal-Apell ppreseduta mis-S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale u l-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri fil-kawza **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et.** ( Appell Civili 2080/2000/1) deciz fit-28 ta' Jannar 2005 gie ipprecizat is-segwenti:

*In effetti fis-sentenza tal-14 ta' Dicembru, 1973 fil-kawza "Emilia Maria Mifsud et vs Eleonora Mizzi et" din il-Qorti, kif komposta dak inhar, filwaqt li ghamlet piena referenza ghal dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-10 ta' Dicembru ta' l-istess sena, fil-kawza fl-ismijiet "Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et", kompliet hekk: "Kif inghad f'dik is-sentenza, kwantu ghall-valutazzjoni tal beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon legittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar rikorstruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment l-ligi ghad determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni. Fl-istess sentenza din il-Qorti, izda, kompliet hekk:- "Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli*

*ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja. (Sottolinear u enfazi ta' din il-Qorti). Kien biss f'dan is-sens li din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 1973 kienet bidlet id-decizjoni tal Qorti ta' Prim Istanza inkwantu f'dik is-sentenza kien gie dikjarat biss "li l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attrici bhala legittima, ghandu jsir skond il valur taghhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl epoka ta' l-apertura tas-successjoni." Mentri wara li l-din il Qorti, kif dakinhar komposta, ghamlet distinzjoni kif hawn fuq riportata, bejn meta ghandhom jigu utilizzati l-valuri prevalenti fid-data ta' l-apertura tas-successjoni, u meta ghandhom japplikaw l-valuri prevalenti fid-data tas sentenza, ipprovdiet fuq l-appell billi qalet hekk: "tiddikjara li l-valutazzjonijiet mehtiega ghandhom isiru ghab-bazi ta' u in konformita` mall-principji enuncjati aktar il-fuq f'din is-sentenza u f'dan is-sens tbiddel is-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi."*[52]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Saviour James Vella vs Antoinette Carmen Barbara** (Appell Civili Nru. 743/2004/1) deciz fit- 13 ta' April 2007 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri u l-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia:

*Huwa ben stabbilit fil-ligi nostrana li jekk it-testatur ikollu dixxendenti, axxendenti, zewg jew martu, ecc. is-sehem tal-beni tieghu li minnu jista' jiddisponi, hu dak li jibqa', wara li jitnaqqas is-sehem li jmiss lid-dixxendenti ecc. taht xi wahda mid disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-653.1 Issa filwaqt li l Artikolu 615 jirribadixxi d-dritt tad-dixxendenti ghal legittima, l-Artikolu 616 jistabilixxi dik il-kwota mill-eredita` tad-decujus li*

[52] Pagna 8 u 9 tass-sentenza.

*ghandha tigi kkunsidrata bhala s-sehem li tifforma l-legittima spettanti lil dak id-dixxendent. Dan ifisser li, irrispettivament mill-mod kif it-testatur jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, d-dixxendent huwa dejjem intitolat ghal dak is-sehem hekk imsejjah "legittima portio". Imbaghad l-Artikolu 620 subartikolu (4) jiddisponi li "Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938." Dan juri bic car li ma hemm ebda inkompatibilita` bejn l-accettazzjoni tal-legati mhollija b'testment lid-dixxendent li, per legge, huwa intitolat ghal "legittima portio" u t-talba ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima spettanti lilu.*[53]

Il- Qorti tal-Appell fis-sentenza **Michelle Shireas et vs Giovanna Bonello et**. (Appell Civili Nru. 1431/2001/1) per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valencia u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri deciza fid-9 ta' Gunju 2009 qalet hekk:

*40. Kif gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il legittima si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie ... Gjaladarba ghalhekk skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantità. Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lill legittimarju determinati speci ta' beni. Dan ifisser illi l legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat*

[53] Pagna 11 sa 13 tas-sentenza.

*jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza. (Orazio sive Grazio Cutajar v. Emmanuele Cutajar et, Citaz. Nru. 687/81PS deciza fit-3 ta' Ottubru 2003).*

*41. Is-sustanza ta' dan il-principju guridiku tirregola wkoll il-jeddijiet u pretensjonijiet tal-legittimarju fil-konfront ta' tal-mejjet ghas-sodisfazzjoni tal-legittima spettanti lilu, u ghalhekk bl-istess mod il-legittimarju ma ghandux jedd jippretendi li l-legittima spettanti lilu tigi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinat. Konferma ta' dan il-principju tohrog mir-rimedju koncess lil-legittimarju fl-eventwalità li l-eredi jittrasferixxu parti mill assi ereditarji qabel ma tigi likwidata u mhallsa l-legittima spettanti lilu. F'tali eventwalità r-rimedju koncess lil legittimarju huwa li fir-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima, il-valur tal-gid trasferit ghandu jitqies bhala dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-legittima u mhux dak taz-zmien tal-ftuh tas successjoni.*

*42. Il-principju guridiku li jirregola dan ir-rimedju gie kkunsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Concetta mart Salvatore Vella et noe et v. Giuseppe Bugeja et noe, Appell Civili Nru. 10/44 deciza fl-10 ta' Dicembru 1973 (u li ghaliha diga` saret referenza – nota in calce 17, supra) fejn inghad illi kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima ... il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 (Illum 647 tal- Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hi r-riunjoni fittizia tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta'*

*riferiment ghad determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni. Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima*[54]*; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mill-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioè z-zmien l aktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja. Din hi l-veduta li qeghda tittiehed f'dan ir-rigward anki fil gurisprudenza taljana l-aktar moderna u hi bazata essenzjalment fuq principji li jistghu jissejhu komuni ghaz zewg drittijiet b'mod li ma tistax tinghad essenzjalment influwenzata mill-fatt, gà hawn fuq rikonoxxut, li fid-dritt Taljan il-legittima hi kwota ta' eredità hlief in kwantu li anki f'dak id-dritt din il-veduta iggib maghha il-jedd tal legittimarju (u dan hu l-istess fid-dritt taghna) li jikkonsentixxi l-kwota tieghu in natura. Dan ghandu wkoll japplika fis-sostanza tieghu u "mutatis mutandis" ghall ipotesi li tirrikorri fil-kaz prezenti u l-aktar direttament tirrijentra fil-meritu tal-prezenti appell, fejn l-eredi waqt il mori tal-gudizzju bieghu xi beni tal-eredità, li minnhom ukoll, kieku ma kienx ghal dan il-bejgh, il-legittimarji kienu jkunu jistghu issa jissodisfaw ir-ragunijiet taghhom minflok ma jkollhom biss kreditu fi flus, fis-sens li anki f'din l ipotesi l-"aestimatio rei" ghandha wkoll tkun b'riferiment ghaz-zmien tal-pronunzja gudizzjali, sakemm ma jigix pruvat li l-bejgh kien forzus, mehtieg jew almenu vantaggosament spedjenti (f'liema kazijiet ma jkunx ingust li jittiehed il-valur effettiv tal-bejgh ...).*

[54] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

*43. Dan l-istess principju gie kkonfermat minn din il Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Emilia Maria sive Mollie mart l-Avukat Dottor Alfred Mifsud v. Eleonora sive Mellie Mizzi et, Appell Civili Nru. 751/66 deciza fl-14 ta' Dicembru 1973 u mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis sentenza Francesco Caruana v. Nazzareno Caruana et noe, Citaz. Nru. 1153/74 deciza fl-1 ta' Marzu 2004.*

Dwar il-legittima u l-legat renumerattiv kien intqal is-segwenti fil-kawza **Maria Concetta Scicluna et vs Carmelo Meli et** deciza fis-7 ta' Jannar 1967 per Onorevoli Imhallef Edoardo Magri:

*Il-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli id-decujus u ghalhekk dan jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, salv il-limitazzjoni tal-kwanitita'. Il-legittima ghandha tigi konsegwita b'assenjazjoni u mhux b'sortegg, li jsir bejn l-eredi. Il-frutti li jiddekorru favur il-legittimarju huma biss dawk li jiddekorru fuq il-beni li jigu assenjati b'sodisfazzjoni tal-legittima.......il-legat rimunerattiv ghandu jitqies bhala debitu tal-eredita' fil-kalkolu tal-legittima.*

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-gurisprudenza in materia fil-perjodu relevanti ghall-vertenza jidher car li kostantement il-Qrati taghna haddnu il-principju li ghal kwistjonijiet fuq wirt qabel l-emendi tal-2004 ghandhom jigu applikati ir-regoli u l-ligijiet li kien hemm fis-sehh qabel dawk l-emendi. Barra minn dan il-Qrati taghna ukoll abbraccjaw il-principju li l-kollazzjoni ghandha issir fuq il-valur li huwa l-aktar vicin tad-data tas-sentenza u mhux ghal xi perjodu qabel dan.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-konvenut **Victor Curmi u Salvina Grima** jeċepixxi preskrizzjoni deċennali a bażi tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili. Illi din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz tas-sentenza *in parte* minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fid-9 ta' Ottubru 2018[55].

Illi t-tieni eċċezzjoni ta' dan il-konvenut Victor Curmi tirrigwarda l-valur tas-sehem donat lilu. Jibda sabiex jingħad minn din il-Qorti illi stante li valur tal-immobbli diġa ġie stabbilit fil-kawża Ċitazzjoni Numru 63/2008 fl-ismijiet "Rosita Curmi vs Salvina Grima" din il-Qorti ser tadotta dawk il-valuri tal-proprjeta skond l-istima li ghamel il-perit tekniku Frank Muscat (kawża 63/2008). B'hekk din it-tieni eċċezzjoni ta'dan il-konvenut ġiet sorvolata.

Illi l-konvenuta **Salvina Grima** teċepixxi a rigward il-valur tan-nofs tal-post bin-numru sitta u ħamsin (56), Triq ta' Ċenċ Sannat, Għawdex, senjatament is-sehem appartenenti lil Rosina Curmi u li ġie trasferit lilha japplika l-Artikolu 702 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Rosina Curmi mietet fid-29 ta' Dicembru 1991. Fil-15 ta' Settembru 1987 ghamlet testment li permezz tieghu halliet legat lil Salvina Grima li kien jinkludi ".... in-nofs (1/2) indiviz ossija d-drittijiet kollha lilha spettanti fuq il-lok ta' djar markat bin-numru sitta u hamsin (56), Cenc Street, Sannat Ghawdex b'garage mieghu anness u b'mandra retroposta....." Ghalkemm f'testment li ghamlet fil-15 ta' Settembru 1987 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani halliet lil Salvina Grima b'legat nofs indiviz tal-fond 56, Triq Cenc, Sannat, fil-25 ta' Jannar 1988 ghamlet kuntratt flimkien ma' zewgha li bih ittrasferiet parti minn dak is-sehem. Il-kuntratt li sar fl-1988 wassal*

[55] Folio 224

*sabiex il-legat jibqa' bla effett irrispettivament jekk il-kuntratt kienx oneruz jew gratuwitu. Dan hu evidenti in kwantu fid-data tal-mewt ta' Rosina Grima il-proprjeta ma kenitx ghadha tifforma parti mill-patrimonju tat-testatrici.*

Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Salvina Grima għandha tiġi miċħuda.

Illi fir-rigward tat-tielet, ir-raba u il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta Salvina Grima[56] jingħad illi dawn ukoll għandhom jiġu miċħuda. Diġa ġie deċiż minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta f'kawza oħra (**Citazzjoni Numru. 63/2008 Rosita Curmi Vs Salvina Grima**)

*Mill-atti jirrizulta li Rosina Curmi kienet tghix ma' bintha u li fl-1987 Rosina Curmi kienet diga' ghamlet testment li fih l-uniku disposizzjoni li ghamlet kien legat lil Salvina Grima tas-sehem li kellha fil-fond in kwistjoni ".... u dana bi tpattija ta' diversi servigi, kuri u assistenza resi minn bintha imsemmija u bil-kondizzjoni li tibqa' tipprestalha l-kuri, servigi u assistenzi necessarji sal-gurnata tal-mewt taghha.". Jirrizulta wkoll li fl-ahhar snin ta' hajjitha Rosina Curmi kienet saret ghal kollox dipendenti minhabba l-kundizzjoni xejn tajba ta' sahhitha u marret tghix ma' bintha Salvina*

---

[56] 3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq premess, irid jiġi rispettat il-prelegat imħolli mill-istess Rosina Curmi lil bintha Salvina Grima fit-testment tagħha tal-ħmistax (15) ta' Settembru 1987 permezz tat-tieni artikolu tal-istess testment, liema legat huwa wieħed remuneratorju u mħolli lil Salvina Grima bi ħlas u tpattija tad-diversi serviġi, kuri u assistenzi resi mill-esponenti u bil-kundizzjoni li tibqa tipprestalha tali serviġi, kuri u assistenzi neċessarji sal-mewt tagħha; 4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u b'referenza għall-ewwel talba attriċi, l-esponenti qed tirrileva illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2014 iddikjarat illi għalkemm il-kuntratt magħmul bejn l-esponenti u l-ġenituri tagħha kien simulat, pero kellu element oneruż nonostanti li fin-naturi preponderanti tiegħu kein kuntratt ta' donazzjoni. Għaldaqstant u peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kwantifikatx kemm mill-imsemmi kuntratt kien l-element oneruż u kemm kien l-element gratuwitu, irid jiġi deċiż x'valur għandu jingħata liż-żewġ elementi rispettivi u dan qabel din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tordna lil esponenti sabiex iġib lura fil-massa tal-wirt ilvalur tas-sehem lilha donat; 5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fi kwalunkwe każ, minn tali valur għandu jitnaqqas dak l-ammont spettanti lil esponenti fi ħlas ta' kuri, assistenzi u serviġi minnha reżi lil ommha Rosina Curmi għal numru ta' snin u dan hekk kif tirrikonoxxi l-istess Rosina Curmi fit-testment tagħha.

*sakemm mietet. F'dan ix-xenarju wiehed jifhem li Rosina Curmi riedet tagevola lil bintha. ....*[57]

B'hekk jingħad illi għas-serviġi rezi l-konvenuta Salvina Grima ġiet rimunerata bil-legat kif hawn fuq spjegat.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni li jonqos illi tiġi risolta minn dina l-Qorti hija – u dan skond kif jirrizulta mill-verbal tal-5 ta' Ġunju 2019[58]- id-data li fiha jrid jittieħed il-valur tal-proprjetajiet in diviżjoni in kwistjoni sabiex tiġi komputata l-kollazzjoni. Hija l-valur tal-ħaġa fiz-zmien tal-ftuħ tal-kollazzjoni (u ċioe il-valur tal-proprjeta fid-data tas-sentenza finali li għandha tapplika), JEW il-valur tal-ħaġa fiz-zmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni JEW fil-kaz tal-konvenut Victor Curmi il-valur tal-ħaġa fiz-zmien meta huwa irċieva l-proprjeta JEW valur tal-ħaġa fiz-zmien meta ittrasferixxa l-proprjeta?

**Fil-kaz tal-konvenuta Salvina Grima** japplika l-**Artikolu 931 tal-Kodiċi Ċivili**.

*(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-subartikoli li ġejjin, il-kollazzjoni ssir billi jingħadd akkont ta'sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*(2) Meta l-ħaġa mogħtija tkun tikkonsisti fi ħwejjeġ mobbli konsumabbli bl-użu jew oġġetti ta' lbies jew oġġetti maħsubin għall-użu domestiku tad-donatarju, ma ssir ebda kollazzjoni.*

[57] Folio 14 – 15, Sentenza Citazzjoni Numru. 63/2008
[58] Folio 236

*(3) Meta l-ħaġa tkun ġiet trasferita b'titolu oneruż mid-donatarju, il-valur li għandu jiġi kkonferit għandu jkun il-korrispettiv li d-donatarju jkun irċieva għall-ħaġa trasferita jew il-valur tal-ħaġa fiż-żmien tat-trasferiment, skont liema valur ikun l-ogħla.*

*(4) Meta l-ħaġa tispiċċa b'aċċident, mingħajr ħtija tad-donatarju u bla ma d-donatarju jikseb xi kumpens għat-telf tal-ħaġa, ma ssir ebda kollazzjoni.*

Jibda sabiex jinħad illi l-kollazzjoni ssir billi jingħadd akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiz-zmien tal-ftuh tas-suċċessjoni.

**IZDA** hawnhekk issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI) tat-18 ta' Frar, 2014 **Citazzjoni Numru. 134/1999/1 Eugenia mart Ċarmelo Buttigieg et vs Joseph Xuereb**[59];

*Imma dan l-artikolu ssostitwixxa dak preċedenti bl-artikolu 99 tal-Att XVIII tas-sena 2004 li introduċa diversi emendi għall-Kodiċi Ċivili tagħna, u l-artikolu 116(2) tal-istess Att, li jirrigwarda d-disposizzjonijiet transitorji, jinkludi dan l-artikolu ma' dawk l-artikoli li għandhom "japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.*

*Is-suċċessjonijiet mertu ta' din il-kawża ta' diviżjoni żgur li seħħew qabel ma ġew fis-seħħ dawn l-emendi. Infatti Lorenzo Xuereb miet fis-6 ta' Lulju 1987, u martu Carmela Xuereb mietet fid-19 ta' Frar 1999. **Fiċ-ċirkostanzi għandha tapplika għalhekk il-liġi kif kienet qabel ma' dan l-artikolu ġie mibdul, u ċioe' li "Għal dawk li huma immobbli, il-kollazzjoni ssir, kif jagħżel id-donatarju, jew billi jġib lura l-ħaġa nfisha, ħielsa minn kull piż***

[59] Folio 9 tas-sentenza.

***u ipoteka li jkun għamel fuqha, inkella billi jgħodd akkont ta' sehmu l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni[60]**."*

Din il-Qorti tqis illi is-suċċessjonijiet mertu ta' din il-kawża seħħew **qabel** ma ġew fis-seħħ dawn l-emendi għall-Kodiċi Ċivili tagħna hawn fuq imsemmija – li daħħlu fis-seħħ fl-2004. Rosina Curmi mietet fid-29.12.1991[61]; u Salvu Curmi miet fl-1.10.1992[62]. Għalhekk – kif ġie ritenut fis-sentenza suċitata[63] - għandha tapplika il-liġi kif kienet **qabel** ma' dan l-artikolu ġie mibdul, u ċioe' li "*Għal dawk li huma immobbli, il-kollazzjoni ssir, kif jagħżel id-donatarju, jew billi jġib lura l-ħaġa nfisha, ħielsa minn kull piż u ipoteka li jkun għamel fuqha, inkella billi jgħodd akkont ta' sehmu l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni*[64]."

Għaldaqstant għall-fini tal-kollazzjoni li trid issir tal-proprjeta' donata, għandu jiġi stabilit il-valur attwali ta' din il-proprjeta', bħala "l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni", u dan kif kienet tistipula l-liġi meta seħħew is-suċċessjonijiet li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni permezz ta' din il-kawża.

Illi ntalbet il-ħatra ta' perit tekniku sabiex jagħmel l-istima tal-fond numru 56, Triq ta' Ċenc, Sannat[65]. din il-Qorti ser tadotta dawk il-valuri tal-proprjeta skond l-istima li ghamel il-perit tekniku Frank Muscat u bhala stima mhux sejra tqies l-ewwel rapport (Folio 150) - (24.11.2009) (28.05.2009), lanqas dak li xehed in eskussjoni (23.10.2009); iżda sejra tqis dak li qal fir-rapport ulterjuri (Folio 202 – ilkoll tal-proċess 63/2008), u dan

[60] Artikolu 931(1) tal-Kap.16 qabel l-emendi tal-2004
[61] Ċertifikat tal-mewt ta' Rosina Curmi - Folio 7
[62] Ċertifikat tal-mewt ta' Saviour Curmi - Folio 13.
[63] Eugenia mart Ċarmelo Buttigieg et vs Joseph Xuereb
[64] Artikolu 931(1) tal-Kap.16 qabel l-emendi tal-2004
[65] Folio 234 – verbali tat-13 ta' Frar 2019.

għaliex dan tal-aħħar iġib id-data l-iktar viċina għad-data ta' din is-sentenza f'din il-kawza (24.11.2009).

Dwar il-kolazzjoni li trid issir minn din il-konvenuta Salvina Grima, fir-rigward tas-sehem ta' Salvina Grima il-perit tekniku kien għamel stima tal-valur tal-proprjeta fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni fl-ammont ta' sebgha u tletin elf u tlett mitt Ewro (€37,300) u dan huwa l-valur li ghandu jigi kunsidrat fid-data tal-kollazzjoni.

Dan japplika fir-rigward tal-konvenuta Salvina Grima **biss**, u fir-rigward **biss** tal-porzjoni assenjat lilha permezz tal-kuntratt ta' divizjoni li sar fil-25 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani, fejn il-fond 56, Triq Cenc, Sannat, Ghawdex inqasam bejn Victor Curmi u Salvina Grima, u ċioe il-porzjon illi fiha kejl ta' 362.1 metri kwadri.

Mill-banda l-oħra, **fil-kaz tal-konvenut Victor Curmi** u fir-rigward tal-porzjon li giet assenjata lil Victor Curmi u li fiha kejl ta' 910.32 metri kwadri, jingħad illi permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Ottubru 2004 atti nutar Dr Paul George Pisani, il-konvenut Victor u Josephine Curmi bieghu lil Alexander Scicluna dik il-parti tal-fond li giet assenjata lilhom bil-kuntratt tal-1992 ghall-prezz ta' Lm110,000.

Kif spjegat aktar 'il fuq hawn il-Qorti ghandha tapplika l-ligi qabel l-emendi tal-2004, u ghalhekk il-Qorti fil-kaz in ezami ghandha tapplika l-valur fiz-zmien li tkun qed tigi pronunzjata s-sentenza.

Dan kollu qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi in atti ma jirrizulta l-ebda valur iehor oltre dak tal-kuntratt tat-trasferiment illi sehh fl-2009 u fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti hija marbuta bil-provi illi jirrizultaw mill-atti. In oltre, l-partijiet ma ressqu l-ebda talba fl-ebda stadju tal-proceduri sabiex jigi stabbilit l-valur ta' xi proprjeta jew ohra kif jista' jkun mehtieg fiz-zmien li tkun qed tinghata s-sentenza. Dan minkejja wkoll illi saru eccezzjonijiet dwar x'valuri ghandhom japplikaw izda limitatament dwar il-punt hux fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni jew fiz-zmien tal-kollazzjoni.

Il-Qorti tqis wkoll illi l-attrici ma taghmel l-ebda talba rigward valuri li ghandhom jigu stabbiliti fiz-zmien li tkun qed tinghata s-sentenza u kif inhu ben maghruf il-Qorti hija marbuta bit-talbiet illi jsirulha u ma tistax tmur oltre l-istess. L-istess il-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom ma jaghmlu l-ebda accenn sabiex jigi stabbilit il-valur ta' xi proprjeta jew ohra fiz-zmien illi tkun qed tinghata s-sentenza, izda jillimitaw l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet taghhom ghall-epoka taz-zmien li ghandu jigi kunsidrat sabiex jigi stabbilit il-valur tal-proprjeta u cioe hux fl-epoka tal-apertura tas-successjoni jew fl-epoka tal-kollazzjoni.

Il-Qorti tqis ukoll illi kien jinkombi lil kull parti illi titlob illi fiz-zmien li tkun ser tinghata s-sentenza ghandu jigi stabbilit il-valur tal-proprjeta jekk hekk ikun mehtieg sabiex tigi deciza dinn il-vertenza. Hadd mill-partijiet ma ressaq xi talba f'dan is-sens.

Illi konsegwentament, fir-rigward tas-sehem ta' Victor Curmi, la darba l-proprjeta li messet lilu ġiet trasferita b'titolu oneruż, la darba wkoll illi ma hemm l-ebda prova ohra in atti dwar il-valur tal-immobbli ghajr dak tal-kuntratt tal-bejgh fuq riferut, il-valur tal-kollazzjoni għandu jkun l-ammont li huwa irċieva bil-kuntratt tal-1992 u ċioe ta' mija u ghaxart'elef Lira Maltin

(Lm110,000) illum ekwivalenti għal mitejn u sitta u hamsin elf mitejn u wiehed u tletin Ewro u seba' centezmi (€256,231.07).

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-vertenza bejn il-partijiet billi:**

i. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-konvenuta Salvina Grima ġġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tagħha l-valur tas-sehem lilha donat u dan fl-ammont ta' sebgha u tletin elf u tlett mitt Ewro (€37,300); u

ii. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Victor Curmi jġib fil-massa tal-wirt rispettiv tal-ġenituri tiegħu l-valur tas-sehem lilu donat u dan fl-ammont ta' mitejn u sitta u hamsin elf u mitejn u wiehed u tletin Ewro u seba' centezmi (€256,231.07); u

iii. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Rosina u Salvatore konjuġi Curmi billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu fil-beni ndikati hawn fuq fil-korp ta' din is-sentenza; u

iv. Tilqa' r-raba' talba u tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f' żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Salvatore Curmi u lill-assi partikolari ta' Rosina Curmi; u

v. Tilqa' <u>l-ħames</u> talba u tiddikjara li l-beni partikolari ta' Salvatore Curmi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilu; u

vi. Tilqa' <u>s-sitt</u> talba u tiddividi l-beni fl-assi ereditarji ta' Salvatore Curmi f'sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil werrieta u cioe John, Emanuel, Paul, Victor, l-attriċi Rosita bħala werrieta ta' huhom Carmel u Salvina ilkoll aħwa Curmi; u

vii. Tilqa' <u>s-seba'</u> talba u tiddikjara illi l-beni partikolari ta' Rosina Curmi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, però tiċħadha f'dik il-parti li tirreferi għall-<u>assi parafernali</u> stante illi dawn ma jirriżultax ippruvati; u

viii. Tiċħad <u>it-tmien</u> talba peress li l-beni in diviżjoni huma biss il-valuri tal-kollazzjoni li għandhom isiru minn Salvina Grima u minn Victor Curmi u ma jirriżultax illi hemm xi beni rimanenti fl-assi ereditarji; u

ix. Tiċħad <u>id-disa'</u> talba billi mhux il-kaz; u

x. Tiċħad <u>l-ghaxar</u> talba billi mhux il-kaz; u

xi. Tilqa' <u>l-hdax</u> il-talba u tordna illi l-valuri fuq imsemmija jiġu diviżi u mħallsa lill-eredi ta' Rosina u Salvatore Curmi fl-ishma rispettivi tal-partijiet hekk kif fuq indikati.

Spejjez ta' din il-kawza jinqassmu skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet hekk kif hi n-norma fil-kawzi ta' divizjoni, ghajr ghall-ispejjez dwar l-eccezzjonijiet preliminari u tal-preskrizzjoni gia decizi bis-sentenzi in parte fuq imsemmija liema spejjez ghandhom jithallsu skont kif deciz fl-istess sentenzi u f'kaz li tali sentenzi ma ddikjarawx fuq l-ispejjez jew irriservaw l-ispejjez ghas-sentenza finali, din il-Qorti tordna li tali spejjez ghandhom ikunu kollha a karigu tal-konvenuti rispettivi illi ressqu l-imsemmija eccezzjoni/jiet.

Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tinghata lill-partijiet minnufih u titpogga immedjatament fis-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija llum 10 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti f'Ghawdex.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Margaret De Battista

Deputat Registratur